MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Numru 364/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

George Bugeja
Francis Bugeja
Joseph Spiteri
Godwin Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati George Bugeja, Francis Bugeja, Joseph Spiteri u Godwin Spiteri ta' karta ta' identita' 0001037(m), 0557060(m), 0307870(m), 0002174(m) rispettivament, akkuzati:

1. kontra George Bugeja u Francis Bugeja li fit-22 ta' Mejju, 2001, ghal habta tal-4.30pm fil-Hamrun:
(a) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe' fil-proprjeta' ta' Joseph Spiteri, liema hsara tammonta ghal izjed minn Lm500 – bi ksur tal-Artikolu 325(a) Kap 9;
(b) ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Josep Spiteri;

2. kontra Joseph Spiteri u Godwin Spiteri talli fit-22 ta' Mejju, 2001, ghal habta tal-4.30pm fil-Hamrun:
(a) volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cjoe' fil-vettura nru.DAA-518 proprjeta' ta' George Bugeja, liema hsara tammonta ghal Lm138 – bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9;
(b) ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess George Bugeja u Francis Bugeja – bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-akkuzi sehhew f'razzett il-Hamrun alimentati minn fatturi li jinsabu ventilati u pendenti f'kawza quddiem il-qorti civili.

L-akkuzi li qeghdin jinffacjaw l-imputati huma identici cioe' jikkoncernaw l-hsara volontarja u l-feriti ta' natura hafifa.

Mill-provi pero' johrog wisq car li m'hemm ebda provi kontra l-imputati Bugeja fil-waqt illi l-provi kontra l-imputati Spiteri jikkonsistu sostanzjalment mill-prova fornita mill-imputati Bugeja u cjoe' minn prova ta' ko-imputati. Jehtieg allura li din il-prova issib korroborazzjoni u tkun sorretta bi prova jew provi ohra. Issa mill-assiem tal-provi jirrisulta li

tezisti din il-prova fil-rigward tal-ferita izda mhux wkoll fir-rigward l-hsara volontarja izda dan biss fil-konfront tal-imputat Godwin Spiteri.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-feriti l-akkuzati isemmu feriti hfief u l-Qorti ghalhekk m'ghandhiex tmur oltre u tfittex n-natura tal-feriti jekk kienux ta' xorta ohra.

Jidrilha ghalhekk li tista' tieqaf hawn u fil-waqt li tillibera lill-imputati George Bugeja u Francis Bugeja kif wkoll l-imputat Joseph Spiteri tal-akkuzi dedotti kontra taghhom, issib lill-imputat Godwin Spiteri hati talli fil-gurnata, hin u lok specifikati fl-akkuza ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imputat. Rat l-Artikolu 221 tal-kap 9 u tikkundannah multa ta' Lm50.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------